FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 7 TA' DICEMBRU 2016

Il-Pulizija
(Spettur Rodrick Zammit)

vs

Tania Sciberras

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 264469(m) akkuzata talli fl-20 ta' Jannar 2011 ghal habta tat-20.00hrs gewwa Triq il-Kbira Qormi:

(1) saqet vettura bin-numru GBC798 b'manjiera (a)traskurata, (b)perikoluza, (c)bla kont;
(2) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament tajjart u ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Gejtan Grixti skond kif iccertifika Dr Alec Sultana M.D mill-MDH;

Il-Qorti mitluba li tigi skwalifikata mill-licenzji kollha taghha ghal-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Jirrisulta bhala fatt mhux kontestat li l-imputata, ssuq il-vettura bin-numru GBC798, gewwa Triq il-Kbira, Qormi, direzzjoni ghal-Hal Qormi, laqtet lill-parti leza, certu Gaetano Grixti. A folio 10 tal-atti jinsab rapport mediku minn Mr Alex Sultana, Registratur Ortopediku, li jattesta ghal griehi sofferti mill-parti leza fl-incident meritu il-kawza. Fih, il-konsulent jghid li irriskontra griehi fil-'medial collateral ligament' fl-irkoppa tal-lemin tal-parti leza li zammu xahar ma jmur ghax-xoghol u fic-cert kien jehtieglu fisioterapia ghal-perjodu ta' sitt xhur.

Il-parti leza xehedet fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru 2013. Ikkonfermat l-griehi li sofra konsegwenza tal-incident 'de quo'. Stqarr li huwa kien waqqaf il-vettura tieghu numru DAO507 fuq 'Bus-Stop' u beda jaqasam ghan-naha opposta biex jixtri pakkett sigaretti. L-incident gara meta kien qieghed jaqsam. Skond skizz esebit folio 6 jirrizulta l-posizzjoni fejn intlaqat u l-posizzjoni tal-vettura misjuqa mill-imputata. Kuntrarjament ghal dak li sostna x-xhud ma jirrisultax mill-imsemmi skizz li l-imputata kienet fuq in-naha il hazina tat-triq. Apparti li wegga' irkoptu, ix-xhud stqarr, li kellhom isirulu tlett punti f'rasu.

Rigward il-griehi li sofriet l-parti leza dak li jirrisulta fic-cert mix-xhieda prodotta hu li hija klasifikabbli bhala gravi per durata.

Ikkonsidrat:

L-imputata ma xehditx. Hemm pero' riportat dak li qalet lil pulizija li investiga l-incident liema versjoni taghha hi riportata a folio 5 tal-atti. Id-difensur taghha ghamel accenn ghalih u l-Qorti ser tehodha in debita konsiderazzjoni izda tissofferma fuq il-fatt li hi, kif kellha d-dritt kollu, ghazlet li ma tixhidtx.

Tiddikjara parzjalemt responsabbli ghall-incident meritu l-kawza, ossija, talli involontarjament tajjret lil imsemmi Gaetan Grixti skond t-tieni akkuza izda ma ssibiex hatja tal-ewwel billi fil-fehma tal-Qorti l-ebda sewqan traskurat, negligenti u bla kont ma jirrisulta fis-sewqan taghha.

Rat l-Artikolu 216 tal-Kap 9. Ikkonsidrat l-attenwanti generici u tiddecidi li tilliberha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perodu ta' tlett xhur mill-lum.

A.M.Trigona
Magistrat